

REGOLI STATUTORJI TAL-IRLANDA TA' FUQ

2023 Nru 183

IL-~~H~~ARSIEN TAL-AMBJENT

Ir-Regolamenti dwar l-Obbligi ta' Responsabbiltà tal-Produttur
(Skart mill-Imballaġġ) (Emenda) (l-Irlanda ta' Fuq) 2023

Magħmula - - - - 26 ta' Ottubru 2023

Dħul fis-seħħ - 1 ta' Jannar 2024

Id-Dipartiment tal-Agricoltura, l-Ambjent u l-Affarijiet Rurali jagħmel dawn ir-regolamenti fl-eżerċizzju tas-setgħat mogħtija mill-Artikolu 50 u l-paragrafi 1(1) u 2(2) tal-Iskeda 4 tal-Att tal-2021 dwar l-Ambjent ("l-Att")^(a) u issa vestiti fih^(b).

Id-Dipartiment tal-Agricoltura, l-Ambjent u l-Affarijiet Rurali jagħmel dawn ir-Regolamenti wara konsultazzjoni f'konformità mal-paragrafu 8 tal-Iskeda 4 tal-Att u jkun sodisfatt rigward il-kwistjonijiet speċifikati fil-paragrafu 9(1) ta' dik l-Iskeda.

Kwotazzjoni u bidu

1. Dawn ir-Regolamenti jistgħu jissejħu bħala r-Regolamenti (Emendatorji) tal-2023 dwar l-Obbligi ta' Responsabbiltà tal-Produttur (Skart mill-Imballaġġ) (l-Irlanda ta' Fuq) u jibded japplikaw mill-1 ta' Jannar 2024.

Emenda tar-Regolamenti tal-2007 dwar l-Obbligi ta' Responsabbiltà tal-Produttur (Skart mill-Imballaġġ) (l-Irlanda ta' Fuq)

2. —(1) Ir-Regolamenti tal-2007 dwar l-Obbligi ta' Responsabbiltà tal-Produttur (Skart mill-Imballaġġ) (l-Irlanda ta' Fuq)^(c) huma emendati kif ġej.

(2) Fl-Iskeda 2 (obbligi ta' riċiklaġġ)—

(a) għall-paragrafu 5 jiġi sostitwit—

"5. Il-perċentwal li huwa preskritt bħala l-mira ta' riċiklaġġ "X" għas-sena 2024 huwa ta' 80 %";

(b) fil-paragrafu 6, għat-Tabella 2 bħala sostitut—

"Tabella 2 Miri ta' Riċiklaġġ

^a (i)2021 c. 30.

^b (i)Id-Dipartiment tal-Ambjent ġie xolt mit-taqsimu 1(9) tal-Att tal-2016 dwar id-Dipartimenti (l-Irlanda ta' Fuq) u, skont l-Artikolu 8(1)(c) tal-Ordni tal-2016 dwar id-Dipartimenti (It-Trasferiment tal-Funzjonijiet) (l-Irlanda ta' Fuq), il-funzjonijiet tiegħu għall-finijiet ta' dawn ir-Regolamenti ġew ittrasferiti lid-Dipartiment tal-Agricoltura, l-Ambjent u l-Affarijiet Rurali

^c (i)S.R. 2007 Nru 198; l-emendi rilevanti huma S.R. 2017 Nru 3, S.R. 2017 Nru 230, S.R. 2020 Nru 345 u S.R. 2022 Nru 286.

<i>Materjali</i>	<i>2024</i>
Ħġieġ	82
Plastik	61
Aluminju	69
Azzar	87
Karta/Kartun	83
Injam	42

(c) fil-paragrafu 8 il-kliem “is-sena 2023.” huwa sostitwit bil-kliem “is-sena 2024.”.

Issiġillat bis-Siġill Uffiċjali tad-Dipartiment tal-Agricoltura, l-Ambjent u l-Affarijiet Rurali fis-26 ta' Ottubru 2023.



Shane Doris
Uffiċjal għoli tad-Dipartiment tal-Agricoltura, l-Ambjent u l-Affarijiet Rurali

NOTA TA' SPJEGAZZJONI

(Din in-nota mhijiex parti minn dawn ir-Regolamenti)

Dawn ir-Regolamenti jemendaw ir-Regolamenti tal-2007 dwar l-Obbligi ta' Responsabbiltà tal-Produttur (Skart mill-Imballaġġ) (l-Irlanda ta' Fuq) (S.I. 2007 Nru 198) (ir-“Regolamenti tal-2007”). Ir-Regolamenti tal-2007 jimponu fuq il-produtturi l-obbligu li jirriċiklaw l-iskart mill-imballaġġ sabiex jilhqqu l-miri tar-riċiklaġġ stabbiliti fl-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 94/62/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ (ĠU L 365, 31.12.94, p10), kif emendata l-aħħar bid-Direttiva (UE 2018/852).

Dawn ir-Regolamenti jistabbilixxu mira ġenerali ta' riċiklaġġ kif ukoll miri ta' riċiklaġġ speċifiċi għall-2024 għall-produtturi marbuta b'obbligu fl-Irlanda ta' Fuq fir-rigward tal-ħġieġ, il-plastik, l-aluminju, l-azzar, il-karta/kartun u l-injam.